MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru. 1186/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**GEORGE GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

George Galea ta’ 38 sena, bin George u Evelyn nee’ Urry, mwieled Rahal Gdid, fl- 20 ta’ Settembru 1971, residenti fil- fond 17, Redeemer, Triq Xandru Farrugia, Tarxien u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 499671(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 26 ta' Settembru 2008, ghall- habta tas-2.00am waqt li kien qieghed gewwa Triq San Gorg Paceville;

1) minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddihehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Christoffel Scifo Diamantino;

2) u talli fl- istess hin, data, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq il- persuni ta' Martin Rodney Godfrey u Stephen John Kempster, hekk kif iccertifikat minn Dr. Muscat Reg. No. 3149 mill- Isptar Mater Dei;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta glieda bejn madwar tlieta jew aktar persuni gewwa stabbiliment kummercjali jismu "Browns" gewwa Paceville, nhar is-26 ta' Settembru, 2008. F' dan l-incident kienu sofrew griehi tlitt persuni, u fl-istadju tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija l-imputat kien identifikat bhala wiehed mill-aggressuri li kien involut fil-glieda.

Mill-provo prodotti, izda, il-Qorti ma sabet xejn fil-konfront tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci provi konkreti fil-konfront tieghu. Ghalkemm jirrisulta li l-imputat kien presenti il-"Browns" dakinhar tal-glieda in kwistjoni, ma hemm l-ebda prova diretta jew indizzjarja fil-konfront tieghu. Il-parti leza, Christoffel Scifo Diamantino, ma gharafx lill-imputat bhala l-aggressur tieghu f' din il-kawza. Ghalkemm hu xehed li kien gie aggredit minn grupp ta'

persuni, hu ma identifikax lill-imputat bhala dak li kkagunalu l-griehi sofferti minnu. Kwantu ghall-imputazzjoni l-ohra, li kkaguna griehi hfief fuq zewg persuni ohra, dawn il-persuni baqghu ma nstabux, u ghalhekk kien hemm prova ohra li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci f' dan il-kaz. Inoltre, ta min ighid ukoll li l-imputat mal-ewwel innega l-involviment tieghu fil-glieda in kwistjoni, kif jikkonferma hu stess fl-istqarrija tieghu mehuda gimgha wara l-incident. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, u ser jigi lliberat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 214, 216, u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------